MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1062/2012

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D.,**
**bhala mandatarju specjali ta' TKS s.a.,**
**société anonyme, socjeta' estera nkorporata**
**taht il-ligijiet tal-Belgju u b'indirizz ta'**
**37 Avenue Mathieu, 6600 Bastogne, Il-Belgju**

**vs**

**Carmel Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-23 ta' Ottubru 2012 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta attrici, rinomata sew in konnessjoni ma' prodotti ta' arloggi tal-idejn maghrufin bhala "ICE WATCH", hija proprjetarja ta' drittijiet tal-awtur, disinni

registrati, u trademarks registrati li jkopru dan in-negozju taghha;

2. Illi b'hila, b'invenzjoni kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni ma' prodotti ta' arloggi tal-idejn "ICE WATCH";

3. Illi fost ohrajn is-socjeta attrici ilha, minn xi ftit tas-snin, tiddetjeni drittijiet tal-awtur fir-rigward tax-xoghol artistiku fil-prezentazzjoni partikolari tad-disinni "ice watch";

4. Illi noltri, is-socjeta attrici ghandha rregistrati bhala disinni Komunitarji, id-disinni bin-numri ta' registrazzjoni 002015131-0001 - "ice watch", 002015131-0002 – "ice watch", 002015131-0003 – "ice watch" u 002015131-0004 - "ice watch", u dawn kollha b'effett f'Malta mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu elfejn u tnax (2012);

5. Illi noltri wkoll, is-socjeta attrici ghandha rregistrata bhala Trademark Komunitarju (CTM) it-trademark "icewatch" [kelma, numru 005549209, b'effett f'Malta mit-tlettax (13) ta' Dicembru elfejn u sitta (2006)], inter alia dwar horological and chronometric instruments;

6. Illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], biex b'hekk tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafi (a) u (b), u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414), b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

7. Illi noltri s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003 of 22 July 2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the

measures to be taken against goods found to have infringed such rights, biex b'hekk tgawdi wkoll mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli ghaxra (10), tnejn (2) subartikolu wiehed (1.) paragrafi (a) u (b), sittax (16) u sbatax (17) tal-istess, b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

8. Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414) u fl-artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tar-Regolament U.E. 1383/2003 hawn qabel imsemmi, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx ta' pakkett postali bir-referenza CP848296111HK (Maltapost parcel AIR/HK/2012/2) kontenenti numru ta' arloggi tal-idejn kif ukoll numru iehor ta' kaxxi tal-ippakkettjar ta' arloggi tal-idejn, liema oggetti kollha fihom, fl-ewwel lok, kopji ta' disinni "ice watch" maghmulin minghajr il-kunsens tas-socjeta attrici f'cirkustanzi fejn l-eghmil ta' dawk il-kopji, li kieku kien ikun sar f'Malta, kien jikkontravvjeni d-drittijiet involuti taht ir-Regolament U.E. 6/2002 dwar disinni Komunitarji u taht il-ligi ta' Malta (inkluz l-Att Dwar Id-Drittijiet ta' l-Awtur Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta) u, fit-tieni lok, kollha ghandhom fuqhom trademarks "ice watch" minghajr l-awtorizzazzjoni tal-istess socjeta attrici f'cirkustanzi fejn hemm it-Trademark Komunitarju antecedenti taghha hawn qabel indikat. Dawn l-oggetti waslu Malta waqt il-kors ta' procedura ta' importazzjoni ghar-rilaxx eventwali favur il-konvenut, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

9. Illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejba fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru elfejn u tnax (2012) u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti li jikkontravvjenu drittijiet dwar proprjeta' intellettwali. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta attrici kopja ta' dokumenti relattivi ghal dan il-kaz, minn fejn bhala mportatur, sid u kunsinnatarju ta' dawn l-istess oggetti, jirrizulta "CARMEL ZAMMIT",

b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "110 FLT 3, WEST STR, VALLETTA";

10. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox fifty (50) wristwatches and ten (10) presentation boxes, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li, fl-ewwel lok, jikkonsistu f'oggetti mdahhla b'piraterija u, fit-tieni lok, jikkonsistu f'oggetti falsifikati. U f'dan ir-rigward, hemm projbizzjoni tal-importazzjoni f'Malta ta' tali oggetti skond l-artikolu erbgha (4) tal-Kap. 414 hawn qabel imsemmi;

11. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru elfejn u tnax (2012) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

12. Illi minkejja li gie debitament interpellat sabiex jersaq ruhu bonarjament versu ftehim dwar distruzzjoni tal-oggetti kontravvenjenti, il-konvenut baqa' inadempjenti u skond hu tali oggetti huma replicas mhux kontravvenjenti;

13. Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

14. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'numru ta' arloggi tal-idejn kif ukoll f'numru iehor ta' kaxxi tal-ippakkettjar ta' arloggi tal-idejn, li kollha fihom kopji ta' disinni "ice watch" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-pakkett postali bir-referenza CP848296111HK (Maltapost parcel AIR/HK/2012/2) kien jikkontjenihom, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti mdahhla b'piraterija;

2. Tiddikjara li l-istess numru ta' arloggi tal-idejn kif ukoll l-istess numru iehor ta' kaxxi tal-ippakkettjar ta' arloggi tal-idejn, li kollha wkoll ghandhom fuqhom trademarks “ice watch” u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-pakkett postali bir-referenza CP848296111HK (Maltapost parcel AIR/HK/2012/2) kien jikkontjenihom, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u ghas-spejjez tieghu;

4. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenut mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

5. Tordna li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tielet u tar-raba' talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi rikors guramentat gie debitament notifikat lil konvenut li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' April 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki “ICE WATCH” u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u

wkoll mir-registrazzjoni ta’ trademarks Komunitarji bin-numri 002015131-0001, 002015131-0002, 002015131-0003, 002015131-0004, u 005549209.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta’ George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana li taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-pakkett postali numru CP848296111HK kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f’hamsin arlogg u ghaxar presentation boxes li jgorru l-marki u d-disinn Ice-Watch tat-TKS s.a. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess pakkett indirizzat lil Carmel Zammit 110 Flt. 3, West Street, Valletta kien wasal Malta bil-posta fl-Ufficju Centrali tal-Posta Hal-Qormi f’Settembru 2012 u l-ufficjal gie mitlub jinvestigah fil-25 ta’ Settembru 2012. L-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fuq suspett li l-oggetti kienu foloz u gie notifikat b’dan ir-rapprezentant legali f’Malta tas-socjeta Dr. Luigi A Sansone.

Fil-fatt mix-xiehda ta’ Dr. Luigi A. Sansone jirrizulta illi l-oggetti mertu tal-kawza ghandhom indikazzjonijiet cari li dawn huma kontrafatti bhal ’needle’ fuq l-arlogg li flok hi kulurita orangio kif inhi fuq il-prodott genwin hi ta’ kulur hamrani; ghandhom inqas minn sittin sinna fuq ic-cirku protettiv tal-arlogg kif inhu l-original; l-arloggi ma ghandhomx film protettiv fuq in-naha ta’ wara tal-hologram tal-arloggi kif hemm fuq l-original; l-ippakkettjar mhux l-istess bhall original; u hemm anki zball fil-kliem ’designed in Belglam’ minflok ’designed in Belgium’.

Dawn id-diskrepanzi intwerew lil Qorti waqt ix-xhieda tal-istess Dr. Luigi A. Sansone fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2012.

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn

indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti. Ir-rapprezentant tal-Kontrollur iddikjara li ma hemmx spejjez involuti fid-distruzzjoni tal-oggetti.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba attrici, billi ma hemmx bzonnha u l-hames talba attrici billi ma hemmx spejjez konnessi mad-distruzzjoni tal-oggetti, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn decize b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'hamsin arlogg tal-idejn kif ukoll ghaxar kaxxi tal-ippakkettjar ta' arloggi tal-idejn, li kollha fihom kopji ta' disinni "ice watch" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-pakkett postali bir-referenza CP848296111HK (Maltapost parcel AIR/HK/2012/2) kien jikkontjenihom, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti mdahhla b'piraterija u falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenut u a spejjez tieghu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------